



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15456/22

CSDP/PSDC 838
CFSP/PESC 1627
COWEB 172
EUMC 425
BIH 16
PSC DEC 52

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/59 (BiH/34/2022)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni
militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/59 (BiH/34/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (l-Operazzjoni Althea) (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (2) Fl-10 ta' Jannar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/59¹, li taħtar lill-Ġeneral Maġġur Anton WESSELY bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Fit-13 ta' Ottubru 2022, l-awtoritajiet militari Awstrijaċi rrakkomandaw il-ħatra tal-Ġeneral Maġġur Helmut HABERMAYER biex jieħu post il-Ġeneral Maġġur Anton WESSELY bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mill-20 ta' Jannar 2023.
- (4) Il-Kmandant tal-Operazzjoni għall-Operazzjoni ALTHEA appoġġa r-rakkomandazzjoni mill-awtoritajiet militari Awstrijaċi.

¹ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/59 tal-10 ta' Jannar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/5 (BiH/32/2022) (ĠU L 10, 17.1.2022, p. 77).

- (5) Fl-24 ta' Novembru 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel mar-rakkomandazzjoni mill-awtoritajiet militari Awstrijaċi.
- (6) Għalhekk jenħtiegħ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/59 titħassar.
- (7) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li ssostni li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tan-NATO jew li jinsabu fil-programm "Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Maġġur General Helmut HABERMAYER huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA) mill-20 ta' Jannar 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/59 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
